MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 479/2004/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Sammut Alessi**

**vs**

**Paul Gatt**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Settembru tas-sena 2004 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, tlett mija u tlieta u sebghin Lira Maltin, (LM2,373.00,0), jew somma ohra verjuri, li dina l-Qorti joghgobha takkorda, jekk hemm bzonn permezz ta’ perit jew periti nominandi, liema somma tirrapprezenta danni sofferit minn Anthony Sammut Alessi fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta’ April, tas-sena 2001 fi Triq Duramblat, il-Mosta, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni OAS – 515 misjuqa minn Bernd Krahwinkel u propjeta’ tal-imsemmi Anthony Sammut Alessi, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBB – 823 misjuqa mill-konvenut, ghall-liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici u prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhaba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenut;

2. Illi l-konvenut ghalkemm interpellat, anke permezz ta’ ittri ufficcjali, rispettivament tat-18 ta’ Marzu tas-sena 2002 u tal-21 ta’ Jannar tas-sena 2004, baqa’ inadempjenti;

3. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri ufficcjali tat-18 ta’ Marzu tas-sena 2002 u tal-21 ta’ Jannar tas-sena 2004 u tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 t’Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari, s-socjeta’ attrici ghandha titlob korrezzjoni fl-avviz tat-talba stante li d-data tal-incident in kwistjoni kienet it-28 ta’ April tas-sena 2001 mhux it-28 ta’ April tas-sena 2002 kif erroneament indikat;

2. Ukoll in linea preliminari, t-talba tas-socjeta’ attrici hija preskritta a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fil-meritu, it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament htija ta' Bernd Krahwinkel li kien ix-xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni OAS – 515 assikurata mis-socjeta' attrici;

4. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, jinkombi lis-socjeta' attrici l-oneru li tipprova skond il-ligi d-danni pretizi minnha;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat il-verbal datat it-13 t'April tas-sena 2005 li permezz tieghu laqghet it-talbiet hemm indikati ghall-korrezzjonijiet mitluba;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentanti tal-partijiet jittrattaw oralment fuq it-tieni eccezzjoni - wahda ta' natura preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta pacifiku ghall-partijiet li l-incident in dizamina sehh fit-28 t'April tas-sena 2001;

Illi wara l-presentazzjoni ta' ittra ufficcjali datata t-18 ta' Marzu tas-sena 2002, li tirrizulta indirizzata u notifikata lill-konvenut fit-22 ta' Marzu ta' l-istess sena, regghet giet indirizzata ittra ufficcjali ohra datata l-21 ta' Jannar tas-sena 2004 li pero' ma gietx debitament notifikata kif jidher mir-riferta negattiva prodotta;

Illi sussegwentement giet intavolata l-procedura odjerna fit-3 ta' Settembru tas-sena 2004 li tirrizulta notifikata lill-konvenut fit-13 ta' Ottubru tas-sena 2004;

Illi jirrizulta pero li konsegwenza ta' xi korrezzjonijiet li kellhom isiru fuq talba ta' l-istess secjeta' attrici, kellha terga' tigi ordnata n-notifika mill-gdid ta' l-avviz kif korrett,

fejn il-konvenut ta ruhu b’notifikat bl-avviz mill-gdid fl-udjenza tat-13 t’April tas-sena 2005;

Ikkunsidrat:

Illi l-quaestio legis li jitlob risoluzjoni f’dan l-istadju tal-procedura hu l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-imsemmi artikolu jistabbilixxi b’mod perentorju li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ir-rekwiziti essenzjali li jridu jigu rizolti fil-procedura odjerna huma s-segwenti:

1. Ir-raguni ghaliex giet intavolata l-azzjoni odjerna;

2. Il-perjodu stabbilit ghall-eghluq ta’ l-azzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel rekwizit hu cirkoskritt mill-limiti indikati fl-avviz promotur kif stabbilit mill-istess socjeta’ attrici;

Illi f’dan is-sens ir-raguni ndikata mill-istess socjeta’ ghat-talba maghmula hi “ … danni sofferti … fl-incident awtomobilistiku …”;

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li t-talba odjerna kif stabbilita mill-istess socjeta’ attrici saret “ … ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat …”;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tieni rekwizit, senjatament koncernanti l-perjodu perentorju stabbilit fl-artikolu partikolari fuq citat, ghandu jinghad illi jistabbilixxi il-perjodu ta’ sentejn –

ovvjament mill-gurnata li fih dan id-dritt ta' azzjoni jkun jista' jigi ezercitat – li fil-kaz odjern japplika bil-mod infraskritt:

1. Illi l-incident de quo sehh fit-28 t'April tas-sena 2001;

2. Illi s-socjeta' attrici intavolat ittra ufficcjali fil-konfront tal-konvenut fit-18 ta' Marzu tas-sena 2002;

3. Illi l-ittra ufficcjali indikata fil-paragrafu precedenti, (enumerat 2), giet effettivament notifikata lill-intimat, il-konvenut odjern, fit-22 ta' Marzu ta' l-istess sena;

4. Illi sussegwentement l-istess socjeta' attrici regghet intavolat ittra ufficcjali ohra fil-konfront ta' l-intimat hemm indikat, il-konvenut odjern, din id-darba fil-21 ta' Jannar tas-sena 2004;

5. Illi pero jirrizulta li din l-ittra ufficcjali qatt ma giet notifikata lill-intimat hemm indikat;

6. Illi sussegwentement giet intavolata l-procedura odjerna permezz ta' l-avviz promotur datat it-3 ta' Settembru tas-sena 2004 li minhabba l-korrezzjonijiet mitluba mill-istess socjeta' attrici n-notifika valida tal-konvenut hi meqjusa li saret biss fit-13 t'April tas-sena 2005;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jidher abbundantement pacifiku li jirrizulta assodat li l-perjodu ta' sentejn kif stabbilit fl-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 fuq indikat gie abbundantement superat;

Illi konsegwentement l-azzjoni odjerna ghandha tigi meqjusa li waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn kif stipulat fl-artikolu 2153 ta' l-imsemmi Kapitolu;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici."

Kontra din is-sentenza s-socjeta` attrici tqanqal zewg obbjezzjonijiet principali. Fl-ewwel lok, is-sentenza appellata nghatat b' qerq ta' l-appellant jew b' effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza. Fit-tieni lok, tillamenta ghaliex l-ewwel Qorti cahditilha t-talba ghall-kjamata in kawza tas-socjeta` assiguratrici ta' l-appellat;

Qabel konsiderazzjoni ta' dawn l-aggravji, jokkorri li din il-Qorti tidderimi l-incident imqajjem quddiemha mis-socjeta` appellanti li talbet li din il-Qorti tieqaf milli tisma' u tiddeciedi l-appell taghha ghaliex dehrilha li kellha tittanta tattakka, b' nullita`, ir-riferta ta' l-ittra ufficcjali taghha tal-21 ta' Jannar 2004 ghar-raguni li din kienet ir-rizultat ta' zball u/jew ta' qerq, f' kawza li hija ntentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili (kopja tac-citazzjoni esebita a fol. 40). F' kelma wahda, is-socjeta` appellanti qed titlob lil din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tigi definita l-kawza l-ohra. Talba din li sabet opposizzjoni assidwa mill-appellat;

Ghal dak li hu l-principju l-punt tat-tluq huwa dan. Sa minn zmien sekolari jinsab pacifikament akkolt illi s-soprassessjoni ta' kawza hu provvediment rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant "*secondo le circostanze speciali dei casi*" (**Kollez. Vol. V pagna 156; Vol. XLIV P I p 50**). "Huwa rimedju <u>straordinarju</u> li ghalih il-Qorti ghandha tirrikorri biss meta huwa mehtieg fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja x' hin tinqala xi kwestjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba n-natura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tigi ezaminata u deciza hlief f' kawza ohra separata li tkun tird tigi proposta appozitament " (**Kollez. Vol. XLI P I p 507**).

Li jfisser, fi kliem iehor, illi s-soprasessjoni hi ammessa meta din tkun tabilhaqq spedjenti (**Kollez. Vol. XXXIX P I p 467**);

Applikati dawn l-enuncjazzjonijiet tal-principji ghall-kaz prezenti hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi t-talba hekk devoluta lilha mis-socjeta` appellanti la hi wahda serja u lanqas ben motivata biex tinduciha tarresta l-*iter* ta' l-appell sakemm il-kwestjoni mqanqla tigi depurata fil-gudizzju separat intavolat minnha. Pjuttost il-kontra hu l-kaz. Huwa evidenti illi, rinfaccjata bl-istat tas-sokkombenza taghha fil-gudizzju quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, hi qed tippretendi li dak li ma ghamletx fil-mument opportun quddiem dik il-Qorti, tista' taghmlu issa quddiem din il-Qorti ta' revizjoni. Dan ma jidherx li jista' jkun accettabbli. L-istat ta' fatt tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali in kwestjoni u tar-riferta ghaliha kien gja maghruf minnha f' dak l-istadju u allura, idejalment u konkretament, kien messha qanqlet it-talba ghas-soprassessjoni f' dak il-mument opportun, u mhux *ex post facto* s-sentenza, avversa ghaliha. Dak kellu jkun proprju l-mument fokali in kwantu d-decizjoni li hi kienet tispetta li tottjeni bil-kawza separata seta' dakinhar influwixxa *a planta pedis* fuq il-meritu tal-kawza nferjuri u allura fuq id-decizjoni li minnha sar l-appell. Hi, allura, ma tistax tippretendi li f' dan l-istadju inoltrat tal-procediment taghmel uzu minn dan ir-rimedju straordinarju. Ghal din ir-raguni biss din il-Qorti ma ssibx li jezistu dawk ic-"cirkostanzi specjali" li ssemmi l-kazistika biex d-domanda ghas-soprassessjoni tigi atteza. Dan, apparti, konsiderazzjonijiet ohra li ser jigu trattati aktar 'il quddiem fl-ezami ta' l-aggravji kif sottomessi;

Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju jigi notat illi s-socjeta` assiguratrici appellanti ma ddeduciet ebda spjegazzjoni f' hiex kien jikkonsisti l-qerq jew l-effett ta' zball imma illimitat ruhha biex taghmel semplici konstatazzjoni illi l-indirizz ta' l-appellat kien dak l-istess wiehed li fih gie notifikat bl-ewwel ittra ufficcjali tat-18 ta' Marzu 2002 u bl-avviz promotur (3 ta' Settembru 2004). Jibqa' l-fatt illi l-

appellat ma giex notifikat bit-tieni ittra ufficcjali tal-21 ta’ Jannar 2004 u f’ dawk ic-cirkustanzi, kif korrettement deciz mill-ewwel Qorti, l-azzjoni kienet kolpita bil-preskrizzjoni bjennali a norma ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Fuq l-istregwa tal-fatti maghrufa, kif jemergu mill-atti processwali, certament ir-ragonament u l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti ma jistghux jitqiesu censurabbli. Dak li invece hu censurabbli hu l-agir tas-socjeta` appellanti li ma hadetx hsieb issegwi l-att gudizzjarju minnha prezentat biex tara u tassikura ruhha jekk dan giex debitament notifikat. La hadet hsieb tirriattiva l-ittra ufficcjali bil-hlas ta’ notifika gdida u lanqas tintenta tiskopri l-indirizz residenzjali l-gdid ta’ l-appellat jew il-post tax-xoghol tieghu. Jekk kellha verament interess li tinterrompi l-preskrizzjoni li kienet miexja u b’ hekk izzomm ferm il-jeddijiet taghha kien messha, b’ solerzja doveruza, hekk taghmel. Ghan-nuqqas taghha ma tistax hlief tlum lilha nnifisha billi ebda kolpa ma tista’ tigi attribwita lill-Qorti li ddecediet il-punt in bazi ghall-atti attendibbli. Jibqa’ l-fatt li l-appellat ma giex notifikat bit-tieni ittra ufficcajli u jekk dan ma sarx l-ebda pregudizzju ma jista’ jigi kawzat lilu. L-ewwel aggravju huwa ghalhekk guridikament ghal kollox bla bazi u qed jigi respint;

Riferibilment ghat-tieni aggravju jokkorri li qabel xejn jigi registrat illi fir-rikors ta’ l-appell imkien ma jirrizulta illi s-socjeta` attrici talbet ukoll ir-revoka tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-24 ta’ Mejju 2005 (ara fol. 13 tal-process);

Kif inhu pacifikament maghruf id-digriet dwar l-akkoljiment jew ic-cahda ta’ talba ghas-sejha fil-kawza ta’ terzi “*è un decreto interlocutorio*” (**Kollez. Vol. XXIV P I p 582**; “**Michele Falzon -vs- Angelo Farrugia *et***”, Appell Inferjuri, 25 ta’ Marzu 1986);

Bhala tali huwa ghalhekk appellabbli skond it-termini ta' l-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

*Inter alia*, ghal dak li jghodd fil-kaz prezenti, jinghad fis-subinciz (7) tal-precitat artikolu illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici li ghandhom x' jaqsmu ma' appelli minn sentenzi ghandhom jghoddu ghal appelli minn digrieti taht dan l-artikolu". Jinsab statwit fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 142 illi "ir-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha". Dan id-dispost hu segwit bl-iehor li jipprovdi li "r-rikors ghat-thassir tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata flimkien ma' ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qed isir l-appell u fih ghandu jintalab li dik it-talba tigi milqugha jew michuda" (Artikolu 143, Kapitolu 12);

Minn dawn il-provvedimenti tal-ligi procedurali jitnissel illi l-appell mid-digriet interlokutorju moghti f' dan il-kaz mill-ewwel Qorti ried allura juniforma ruhu mal-precitati disposizzjonijiet li jirrigwardaw is-sentenza u li, b' disposizzjoni espressa [Artikolu 229 (7)], gew maghmula applikabbli ghad-digrieti interlokutorji. Trattandosi f' dan il-kaz minn digriet interlokutorju maghmul ma' l-appell mis-sentenza finali, is-socjeta` appellanti htiegilha, allura, li fir-rikors ta' l-appell issemmi d-digriet interlokutorju li minnu xtaqet tappella u titlob ir-revoka tieghu. Huwa car illi t-talba ghar-revoka ta' dak id-digriet mhix involuta fit-talba maghmula fir-rikors ghar-revoka tas-sentenza. Ghal din ir-raguni din il-Qorti strettament ma tistax tinoltra ruhha fl-indagini ta' dan l-aggravju;

Anke kieku pero` din il-Qorti kellha ssib li r-rekwizit dettat mil-ligi gie ampjament sodisfatt fis-sustanza tieghu, kif forsi jista' jigi indott mit-twegiba ta' l-appellat ghall-aggravju specifiku u li tindika li dan fehem mill-istess termini tar-rikors ta' l-appell illi dan kien jikkoinvolgi d-

drigriet interlokutorju in kwestjoni, l-istess ma jistax jigi favorevolment akkolt;

L-azzjoni esperita hi certament wahda *ex delicto* li fiha il-kumpanija assiguratrici ta' l-appellat ma ticcentra xejn. Biex ikun mod iehor s-socjeta` assiguratrici appellanti htiegilha tissodisfa lill-ewwel Qorti, u issa wkoll lil din il-Qorti, illi bejn is-socjeta` assiguratrici ta' l-appellat u s-socjeta appellanti jew l-assigurat taghha twieldet relazzjoni guridika *ex contractu* ghaliex, ad ezempju, dik is-socjeta` assiguratrici accettat il-*claim*. Ara a propozitu decizjonijiet a **Vol. XXXVII P I P 140, Vol. XLIX P I p 558** u "**Andrea Sammut -vs- Geroge Agius *et***", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Mejju 1980. Mill-atti ma jirrizultax li din il-prova saret f' dan il-kaz u allura l-azzjoni tibqa' wahda purament ta' indoli akwiljana li fiha l-kumpanija assiguratrici ta' l-appellat ma ghandhiex interess dirett hlief forsi wara l-gudizzju. Il-fatt li s-socjeta` attrici appellanti ghazlet li tinnotifika lis-socjeta` assiguratrici ta' l-appellat bl-ittri ufficcjali surreferiti ma jgibx ghal daqshekk illi din awtomatikament ghandha interess guridiku dirett fix-xorta ta' azzjoni intentata. Apparti ll-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula dwar ir-ritwalita` ta' l-aggravju in ispecje, anke ghal din ir-raguni l-istess ma jistax jircievi l-adezjoni ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi kollha fuq esposti, din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` assiguratrici attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------